# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 2.8

**Kap 2: Ejja nsiru aħjar**

**Lezzjoni 2.8: Nikbru fil-grazzja**

**L-Għanijiet:**

**L-istudenti:**

1. Jagħrfu kif is-suġġetti tal-iskola qed jgħinuhom jikbru fil-għerf.
2. Jiddiskutu kif fil-ħajja wieħed irid ikompli jaqdef biex jibqa' bil-għaqal.
3. Jagħrfu kif it-tagħlim jgħinhom jikbru fil-grazzja u fl-għerf quddiem Alla u quddiem il-bnedmin.
4. Jaraw x'għamel Ġesù biex baqa' miexi 'l quddiem.



**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**



- Worksheet 2.8
- Song I am a C-H-R-I-S-T-I-A-N

https://www.youtube.com/watch?v=guT2Z8BGrZg&list=RDguT2Z8BGrZg#t=63

## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Spjega: Ħafna drabi niġu l-iskola bla ma nkunu nafu għaliex. Bi drawwa. B'obbligu. Għax ta' bilfors. Imma x'tagħmel għalina l-iskola li ma jagħmlux ambjenti oħra?
- Iddiskuti dawn mal-istudenti:
    1. Aħna l-iskola biss nitgħallmu?
    2. X'differenza hemm bejn li titgħallem l-iskola u f'xi għaqda?
    3. Kieku kellek iżżid jew tnaqqas suġġett tal-iskola liema jkun ?
    4. Inti taqbel li l-iskola għandha tkun kuljum? Għaliex ?



## Nisimgħu flimkien (Il-qofol tal-lezzjoni)

1. Spjega: Is-suġġetti tal-iskola jwassluna biex nikbru fil-għerf, fit-tul u fil-grazzja.
    - Il-Matematika tgħinek issolvi s-sitwazzzjonijiet diffiċli.
    - Ix-Xjenza twasslek biex tiskopri il-ħajja ta' madwarek.
    - Il-Lingwi jgħinuk fil-komunikazzjoni tiegħek mal-oħrajn.
    - L-Edukazzjoni Fiżika tgħinek tgħix ħajja attiva filwaqt li żżomm dieta bilanċjata.
    - L-Arti tgħinek tiżviluppa l-kreattività tiegħek u toħloq affarijiet ġodda.



2. Stieden lit-tfal jifthu l-Ktieb tal-Attivitajiet 2.8 u wara li tispjega s-silta mogħtija, stieden lit-tfal biex jiddiskutu flimkien Attivita` 1. Wara jkun hemm ħin biex huma jpinġu l-istampa.

- Spjega Attività 2 u fuq bażi ta' klassi ddiskuti mat-tfal kif jistgħu jikbru fl-għerf u fil-grazzja




- Stampa 1 – insir naf – nitgħallem inħobb;
- Stampa 2 - insir naf - noqgħod fil-kwiet – nirringrazzja - nitlob xi ħaġa;
- Stampa 3 – nitgħallem nisma', nistenna – inċedi – inferraħ;
- Stampa 4 – inferraħ- nikkommunika;
- Asal għal Attività 3. Kompli d-diskussjoni dwar l-importanza li fil-klassi ngħinu lil xulxin biex nikbru fl-għerf u fil-grazzja.
- Hawnhekk sabiħ li ddaħħal id-diska I am a CHRISTian biex it-tfal jifhmu li jridu Nsara dejjem u kullimkien.
- Agħlaq bit-talb tagħhom stess.

**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**

1. L-iskola huwa l-aktar ambjent addattat fejn niskopru lilna nfusna u nibnu l-futur tagħna.
2. Kull suġġett fih l-importanza tiegħu. Kull suġġett jgħinna nikbru fl-għerf u fil-grazzja.
3. Nikber fl-għerf meta l-informazzjoni li nirċievi tgħinni nifhem aktar dak li qed jiġri madwari u anke lili nnifsi.
4. Nikber fil-grazzja meta dak li nitgħallem jgħinni nsir persuna u Nisrani aħjar.

## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

It-tfal, għalkemm għadhom żgħar, jifhmu li għalkemm jitlob bosta sagrifiċċji, l-istudju jgħinhom jikbru f'moħħhom, jgħallimhom jirraġunaw, isolvu sitwazzjonjiet diffiċli, jiskopru, jesperimentaw u jirrelataw ma' nies b'kulturi differenti.



## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

- Song I am a C-H-R-I-S-T-I-A-N

https://www.youtube.com/watch?v=guT2Z8BGrZg&list=RDguT2Z8BGrZg#t=63



## Nitolbu



Mulej, għallimni napprezza niskopri l-aħjar mod kif nistudja sabiex l-istudju ma jkunx xi ħaġa ta' dwejjaq imma opportunità fejn jien nikber fl-ħerf u nibni l-futur tiegħi b'mod għaqli.